



2024/2421

16.9.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2421

tat-13 ta' Settembru 2024

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-formaldeid għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 3 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

- (1) Il-formaldeid ġie approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 3 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1763 ⁽²⁾ soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dak ir-Regolament ("l-approvazzjoni"). L-approvazzjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Jannar 2025.
- (2) Fis-7, fil-11 u fis-27 ta' Lulju 2023, l-applikazzjonijiet ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-formaldeid għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 3 ("l-applikazzjonijiet").
- (3) Fl-10 ta' Novembru 2023, l-awtorità kompetenti li tevalwa tal-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni li kienet iddeċidiet, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti li tevalwa għandha twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tagħha.
- (4) L-awtorità kompetenti li tevalwa tista', skont il-każ, tirrikjedi li l-applikant jipprovdi biżżejjed *data* biex titwettaq l-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li ma jistax jaqbeż il-180 jum b'kollox, sakemm ma tkunx iġġustifikata sospensjoni itwal minħabba n-natura tad-*data* mitluba jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.
- (5) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") għandha theggi opinjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva u tissottomettiha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (6) Għaldaqstant, għal raġunijiet li ma humiex fil-kontroll tal-applikanti, l-approvazzjoni x'aktarx li se tiskadi qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk jixraq li tiġi posposta d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni għal perjodu ta' żmien twil biżżejjed biex ikun jista' jsir l-eżami tal-applikazzjonijiet. Wara li tqiesu l-limiti ta' żmien għall-evalwazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa, u għat-tħejjija u għas-sottomissjoni mill-Aġenzija tal-opinjoni tagħha u ż-żmien meħtieġ biex il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk iġġeddix l-approvazzjoni tal-formaldeid għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 3, jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tiġi posposta għall-31 ta' Lulju 2027.
- (7) Wara l-posponiment tad-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, il-formaldeid jibqa' approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 3 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1763,

⁽¹⁾ ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1763 tal-25 ta' Novembru 2020 li japprova l-formaldeid bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodotti 2 u 3 (ĠU L 397, 26.11.2020, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1763/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-formaldeid għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 3 stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1763 hija posposta għall-31 ta' Lulju 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN
